MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2009

Numru. 969/2009

Il-Pulizija
(Sp Nikolai Sant u Sp Elton Taliana)
vs
Daniel Oliva, iben Geoffrey, imwieled Pieta' fil-21 ta' Marzu, 1989

omissis

Il-Qorti,

Rat l-akkuża kontra l-imputati talli f'dawn il-Gżejjer, fl-20 ta' Settembru, 2009 f'ħinijiet differenti b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li jkunu ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

Ikkomettew serq minn ġewwa l-ħanut bl-isem ta' 'Everfresh Green Grocer', li jinsab fi Triq is-Swatar, Msida għad-dannu ta' Francis Gauci liema serq hu aggravat bil-valur.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Settembru, 2009 fejn l-imputati ammettew l-akkuża miġjuba kontra tagħhom.

Il-partijiet jaqblu li l-ammont misruq hu ta' seba' mitt euro (€700).

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħhom. Rat
l-artikolu 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-ammissjoni bikrija, il-fedina penali netta u l-volonta' li jħallsu lura dak misruq. Ma tikkundannahomx għal piena karċerarja iżda tilliberhom taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna lill-imputati 'in solidum' li jħallsu s-somma ta' seba' mitt euro (€700) danni lil Francis Gauci fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------